# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

**MHALLEF**

**ONOR. LORRAINE SCHEMBRI ORLAND**
**LL.D., M.Jur. (Eur.Law), Dip.Trib.Eccles.Melit.**

**Seduta ta' nhar it-Tlieta, 27 ta' Gunju 2017**

**Kawza Numru : 34**
**Rikors Guramentat Numru : 122/2017/LSO**

**Mohammed Essid Zawia I.D.143902L**

**vs**

**Direttur tar-Registru Pubbliku**

**Il-Qorti,**

## I. PRELIMINARI.

Rat ir-rikors guramentat ta' Mohammed Essid Zawia I.D.143902L datat 9 ta' Frar 2017 fejn espona: -

Illi l-esponent twieled nhar is-7 ta' Ottubru 1984 gewwa Tajoura Libya.

Illi missier l-esponent huwa ta' nazzjonalita' Libjana, izda ommu hija Maltija.

Illi l-esponent huwa registrat bl-isem ta' Mohamed Essid Zawia u dan kif jidher fl-Att tat-twelid tieghu liema Att ghandu 0027208 u dan kif jidher mill-anness certifikat tat-twelid immarkat bhala DOK MEZ1.

Illi r-rikorrent dejjem uza ghalih innifsu l-isem "Stephen" u kemm shabu, membri tal-familja tieghu, u sahansitra anke fl-iskola, konsistentement sejhulu u rreferew ghalih bl-isem "Stephen" u mhux bl-isem "Mohamed Essid" u dan kif ser ikun ppruvat waqt it-trattazzjoni tal-kawza u kif johrog b'mod lampanti mill-annessi dokumenti li qieghdin ikunu esebiti ma' dan ir-rikors guramentat u li huma mmarkati bhala DOK MEZ 2, MEZ 3, MEZ 4, MEZ 5, MEZ 6, DOK MEZ 7, DOK MEZ 8, DOK MEZ 9, u DOK MEZ 10.

Illi din id-diskrepanza bejn l-isem li huwa imnizzel fic-certifikat tat-twelid u l-isem li r-rikorrenti hu maghruf bih u li dejjem intuza fir-rigward tal-htigijiet kwotidjani tieghu qieghda tikkaguna inkonvenjent u pregudizzju kif ukoll diversi problemi u kumplikazzjonijiet fil-hajja privata, anke minhabba fl-origini ta' l-isem hekk kif imnizzel fl-Att tat-twelid, u dan kif ser jigi ppruvat waqt is-smigh u t-trattazzjoni ta' din il-kawza.

Illi l-artiklu 253(2) tal-Kodici Civili jaghti d-dritt lir-rikorrent li jaghmel talba lil din l-Onorabbli Qorti ghar-registrazzjoni ta' l-isem li jkun gie uzat minnu u minn min jafu minflok l-isem jew l-ismijiet li jidhru fl-att tat-twelid relattiv tieghu, fil-kolonna intestata "ismijiet mghotijin" kif ukoll dik intestata "isem jew ismijiet li bih/bihom it-tarbija ghandha tigi msejha", wara li din tkun iddikjarata li l-persuna li tkun qed taghmel it-talba kienet konsistentement imsejha b'tali isem.

Ghaldaqstant, *in vista* tal-premessi, ir-rikorrent jitlob bir-rispett lil din l-Onorabbli Qorti toghgobha: -

1. Tiddikjara u tiddeciedi li l-isem "Stephen" u mhux l-isem "Mohamed Essid" huwa l-isem li r-rikorrent minn dejjem uza ghalih innifsu u li kien minn dejjem u konsistentement gie hekk imsejjah u maghruf bih;

2. Tiddikjara u tiddeciedi li l-isem "Stephen" ghandu jigi registrat minflok l-isem "Mohamed Essid" li jidher fl-att tat-twelid anness u mmarkat DOK MEZ 1 bhala l-isem tar-rikorrent;

3. Tordna li l-isem "Mohamed Essid" kull fejn jidher fl-att tat-twelid numru tnejn, sebgha, tnejn, zero, tmienja (272 08) tas-sena elfejn u tnejn (2002) li kopja tieghu huwa anness u mmarkat DOK MEZ 1 ghandu jigi mibdul bl-isem "Stephen" u li dan ghandu jigi rifless f’kull Att ta' l-Istat Civili relattiv;

Bl-ispejjez kollha kontra l-intimat li huwa minn issa ngunt ghas-subizzjoni tieghu.

Rat li din il-kawza giet appuntata ghas-smigh ghas-seduta tas-16 ta’ Marzu 2017.

Rat ir-risposta guramentata tad-Direttur tar-Registru Pubbliku datata 4 ta’ April 2017 (fol 31) fejn Dr Byron Camilleri ghan-nom u in rapprezentanza tal-istess Direttur bil-gurament tieghu ddikjara u kkonferma :-

1. Illi preliminarjament l-esponent jirrileva li l-Avukat Generali ma giex notifikat skont kif jipprovdi l-Artikolu 181B (3) tal-Kap 12 tal-Ligijiet ta' Malta. Isegwi ghalhekk illi t-termini ghall-prezentata tar-risposta ghadu ma bediex jiddekori;

2. Illi sussegwentament huwa mehtieg li b'ordni tal-Qorti, ta' lanqas hmistax-il gurnata qabel is-smigh tal-kawza ssir id-debita pubblikazzjoni fil-Gazzetta tal-Gvern *a tenur* tal-**Artikolu 254 tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta**;

3. Illi subordinatament u bla hsara ghall-premess, ghal dak li jikkoncerna mal-mertu tal-kawza, l-esponent jirrileva li mhuwiex edott mill-fatti li gew iddikjarati fir-rikors guramentat;

4. Illi abbazi **tal-Artikolu 253 sub-inciz 2 tal-Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta,** ir-rikorrent qed jitlob lil din l-Onorabbli Qorti sabiex taghti d-direzzjonijiet taghha biex b'hekk isem

ir-rikorrent fl-Att tat-twelid tieghu Malti jinbidel minn *"Mohammed Essid Zawia"* ghal *"Stephen Zawia"* sabiex jissostanzja t-talba tieghu, ir-rikorrent qieghed ukoll jannetti mar-rikors guramentat promotur xi dokumenti li jirrispekjaw tali talba skont kif jitlob proprju l-istess artikolu fuq precitat. Minkejja dan, rigward provi, l-esponent jirrimetti ruhu ghad-decizjoni ta' din l-Onorabbli Qorti sabiex jekk tara li hu l-kaz, titlob iktar dokumenti flimkien ma' xhieda affiddabbli *viva voce* jew affidavits ta' familjari li ghandhom jikkonfutaw it-tezi tar-rikorrent ossia li huwa kien u ghadu konsistentement imsejjah bhala *"Stephen"* u mhux '*Mohammed Essid*';

5. Illi l-esponent jirrileva illi r-rikorrent twieled gewwa l-Libja nhar is-7 ta' Ottubru fl-1984 u ghaldaqstant l-Att tat-twelid originali tar-rikorrent huwa dak esteru;

6. Illi sussegwentament u bla pregudizzju ghas-suespost, ir-rikorrent eventwalment irregistra t-twelid tieghu gewwa Malta fis-sena 2002. Din ir-registrazzjoni saret *ai termini* tal-**Artikolu 244 tal-Kodici Civili**, li jaghti s-setgha lid-Direttur konvenut jirregistra dawk l-atti ta' twelid li kienu maghmula jew registrati minn awtorita' kompetenti f'pajjiz esteru, fic-cirkostanza li d-Direttur ikun sodisfatt mill-awtenticita' tal-Att esteru;

7. Illi sabiex id-Direttur jaghmel tali registrazzjoni huwa jinserixxi d-dettalji kif misjuba fl-Att esteru li jkun gie provdut lid-Direttur konvenut ghall-finijiet tar-registrazzjoni *ai termini* **tal-Artikolu 244 sub-inciz 2 tal-Kapitolu 16 tal-**

**Ligijiet ta' Malta**. Fil-fatt l-attur fornixxa lill-konvenut bl-Att esteru, anness u mmarkat bhala 'DOK. DRP 1' flimkien mat-traduzzjoni tal-istess Att, ukoll anness u mmarkat bhala 'DOK DRP 2';

8. Illi dan ifisser li r-registrazzjonijiet barranin isehhu b'tali mod u manjiera fejn l-ufficjali tar-Registru Pubbliku jnizzlu *ad verbatim* l-informazzjoni kif tinsab inserita fl-Atti barranin;

9. Illi l-esponent jecepixxi li l-unika mod ta' kif jistghu jigu kkorreguti atti civili, huwa jekk l-att originali esteru jigi kkorregut jew emendat mill-Awtoritajiet barranin minghand min jkun inhareg l-att in kwistjoni. Minkejja dan, fil-kaz odjern, ma jidhirx li saret xi forma ta' registrazzjoni ta' bidla fuq ic-certifikat tat-twelid mahrug mil-Libja;

10. Illi l-esponent umilment jirrileva li ma jirrizultax kemm mid-dikjarazzjoni mahlufa tar-rikorrenti kif ukoll mill-Att ta' Twelid li jgib in-numru ta' iskrizzjoni 1439 tas-sena 2002, anness u mmarkat bhala 'DOK. DRP 3', li kien effettivament sar xi zball jew saret xi ommissjoni mill-esponent;

11. Illi subordinatament u bla hsara ghall-premess, ghal dak li ghandu x'jaqsam mal-mertu tal-kaz in kwistjoni, l-esponent jirrimetti ruhu ghad-decizjoni ta' din l-Onorabbli Qorti salv pero' li l-provi migjuba jkunu l-ahjar u sodisfacenti f’ ghajnejn il-ligi;

12. Illi finalment minghajr hsara ghall-premess l-esponent jissottometti li fi kwalunkwe kaz l-azzjoni tar-rikorrenti mhijiex attribwibbli ghal xi ghemil da parti tal-esponent u kwindi huwa m'ghandux jigi assoggettat ghall-ispejjez tal-kawza istanti;

13. Salv eccezzjonijiet ulterjuri.

Bl-ispejjez kontra l-atturi li qieghed jigi ngunt in subizzjoni.

Rat il-verbal tas-seduta tat-Tlieta, 9 ta' Mejju 2017 fejn meta ssejhet il-kawza dehret Dr Yanika Bugeja ghall-attur prezenti. Dehret Dr Stephanie Ellul ghad-Direttur intimat. Id-difensuri ddikjaraw li ma kellhomx aktar provi u talbu li l-kawza tibqa' ghas-sentenza. Il-kawza giet differita ghas-sentenza ghas-27 ta' Gunju 2017 fid-9:30a.m.

Hadet konjizzjoni tal-provi prodotti.

## II. <u>KONSIDERAZZJONIJIET</u>

Illi din il-kawza qed issir *ai termini* tal-**artikoli 253 *et sequitur* tal-Kodici Civili** li jaghtu dritt lil kull persuna li taghmel talba gudizzjarja ghall-korrezzjonijiet fir-registrazzjoni ta' ismijiet fl-atti tal-istat civili.

Illi l-pubblkazzjoni *ai termini* tal-**artikolu 254 tal-kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta** saret debitament fit-13 ta' Frar 2017(fol 23) b'hekk it-tieni eccezzjoni hija sorvolata.

Illi r-rikorrent qed jitlob li ismu fuq l-att tat-twelid kif registrat hawn Malta, jigi korrett, billi l-isem “Mohammed Essid” jigi sostitwit bl-isem “Stephen”.

Ikkonsidrat, li l-intimat irrimetta ruhu ghad-decizjoni tal-Qorti ghal dak li jikkoncerna l-mertu ta’ din il-kawza.

Illi jirrizulta li r-rikorrent twieled il-Libja u l-att tat-twelid originali tieghu giet registrata f'Malta *ai termini* tal-**artikolu 244 tal-Kap 16** li jiddisponi li:

“***244***.*(1) Kull att ta’ twelid, ta’ zwieg, ta’ unjoni ta’ stat ekwivalenti kif imfissra fl-Att dwar l-Unjonijiet Civili jew ta’ Mewt ta’ cittadin ta’ Malta maghmul jew registrat f’pajjiz barrani minn awtorita` kompetenti f’dak il-pajjiz, li ma jkunx att maghmul jew registrat skont l-artikolu 270(1) jew (2), jista’ fuq talba ta’ kull min ikollu interess u wara li d-Direttur tar-Registru Pubbliku jkun sodisfatt dwar l-awtenticita` ta’ dak l-att, jigi registrat f’dawn il-gzejjer bl-istess mod bhallikieku kien att maghmul minn wahda mill-persuni msemmija f’dan it-Titolu.*

*(2) Il-persuna li taghmel it-talba ghandha, ghall-finijiet tar-registrazzjoni, tikkonsenja lid-Direttur l-att li dwaru tkun saret dik it-talba.”*

Fir-rigward tal-mertu tal-kaz, din il-Qorti hija fid-dover li taccerta l-verita` tal-fatti fejn tidhol l-identita` ufficjali tal-persuna kkoncernata.

Ghalhekk, jinkombi fuq ir-rikorrent li jipprova ghas-sodisfazzjon tal-Qorti li hu konsistentement maghruf bhala Stephen. Ghal dan il-ghan, esebixxa dokumenti relatati mal-edukazzjoni, Dok MEZ2, Dok MEZ4, u Dok MEZ9, fejn m'hemmx referenza ghall-isem Mohamed Essid, izda huwa ndikat bhala "Steven" jew "Stefan". Esebixxa kopji ta' hrug ta' pagi, Dok MEZ6, MEZ7, MEZ8, fejn hu indikat bhala Stephen. Illi f'certifikat mediku Dok MEZ10, gie ndikat ukoll, bhala Steve.

Inoltre`, xehed permezz ta' affidvit u kkonferma li sa minn ckunitu ommu dejjem sejhitlu bl-isem Steve. Spjega li l-membri tal-familja wkoll kienu jaghjtulu Steve u meta gew Malta fl-eta` ta' erbatax-il sena, fl-iskola kulhadd kien jirreferi ghalih bhala Steve. Semma li kien biss missieru li kien isejjahlu Mohamed. Qal li d-diskrepanza fl-isem peress li fil-Karta tal-Identita' ghadu mnizzel bhala Mohamed qed jikkawzalu problem anke biex isib impjieg. Monique Aquilina, li kellha relazzjoni mar-rikorrent, qalet li hu kien introduca ruhu bhala Steve, u l-hbieb jafuh b'dak l-isem. Dr. Mario Maurice Abela, ikkonferma li r-rikorrent hu t-tifel ta' ohtu, li kienet mizzewga Libjan, u minn meta gew joqghodu Malta fl-1998, hu u l-membri tal-familja dejjem sejhulu "Steve".

Xehed *viva voce* **Anwar Zawia**, hu r-rikorrent, li kkonferma li r-rikorrent dejjem kien imsejjah Steve. Xehed ir-rikorrent ukoll *viva voce*, li kkonferma li ilu jirrisjedi f'Malta mill-1998, u l-intenzjoni tieghu hi li jkompli jirrisjedi f'Malta.

Illi kif sostnut, mid-Direttur intimat tramite, is-sitt, is-seba’, u t-tmien eccezzjoni, meta ssir din ir-registrazzjoni, ssir skont id-dettami tal-**artikolu 244 tal-Kap 16**, billi jitnizzlu *ad verbatim* skont l-informazzjoni mnizzla fl-att esteru. Izda, jigi osservat, li kif sottomess fid-disa’ eccezzjoni tal-intimat, ma jirrizultax li kien hemm bidla fl-isem tar-rikorrent fil-pajjiz esteru fejn huwa twieled, fis-sens li ma saritx korrezzjoni tal-isem mill-Awtorita` barranin kkoncernati.

Ikkonsidrat inoltre li r-rikorrent huwa cittadin Malti, residenti f'Malta sa mill-1998 u sahansitra domiciljat f'Malta billi kkonferma fix-xhieda tieghu *viva voce*, li hu intenzjonat jibqa’ jirrisjedi hawn Malta. Ghaldaqstant din il-Qorti ma tarax ghaliex m'ghandux jipprevali ruhu mid-dispost tal-artikolu 253 (2) tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta li jaghti lill-persuni d-dritt li tagħmel talba ġudizzjarja għar-reġistrazzjoni ta’ l-isem jew ismijiet, li l-persuna li bihom il-persuna kienet konsistentement imsejħa, minflok l-isem jew l-ismijiet li jidhru fl-att tat-twelid relattiv bħala l-isem jew l-ismijiet mogħtija u l-isem jew l-ismijiet li bihom it-tarbija għandha tiġi msejħa:

Din id-disposizzjoni introduciet il-possibilita' ta' tibdil tal-isem (*prenom)* minhabba cirkostanzi posterjuri ghar-registrazzjoni sabiex dan jirrifletti l-uzu kontinwu ta' isem iehor ghal dak registrat bhala l-isem tat-tarbija. Ghalhekk il-Qorti hija tal-fehma li tali korrezzjoni tista' issir fl-att tat-twelid mahrug mill-intimat.

Illi ghal dak li jirrigwarda l-provi prodotti, fid-dawl tal-affidavits u d-dokumenti, din il-Qorti hija tal-fehma li r-rikorrent irnexxielu jipprova li huwa konsistentement imsejjah u maghruf bhala “Stephen”. Ghalhekk, it-talba tieghu hija gustifikata.

Izda, taqbel mal-intimat, li ma jirrizultax li sar zball fir-registrazzjoni tal-isem fuq l-att tat-twelid kif registrat. Ghalhekk taqbel li l-intimat m’ghandux ibati l-ispejjez.

Referibbilment ghat-tielet talba, din mhijiex konformi mal-artikolu 253(3) tal-Kap 16 billi l-atti ma gewx indikati bin-numru u s-sena relattivi. Ghaldaqstant, ser tastjeni milli tiehu konjizzjoni tat-tielet talba sabiex izzomm ferm id-drittijiet tar-rikorrent li terga’ tirrikorri in gudizzju ghall-korrezzjonijiet f’atti ohra jekk ikun il-kaz.

## III. <u>KONKLUZJONI.</u>

Illi ghalhekk ghal dawn il-motivi, din il-Qorti, **taqta’ u tiddeciedi**, billi fil-waqt li tiddisponi mill-eccezzjonijiet tal-intimat, kif spjegat, tilqa’ t-talbiet tar-rikorrent kif gej:

Tilqa’ l-ewwel talba tar-rikorrent u tiddikjara li huwa konsistentement maghruf bl-isem “Stephen” u mhux bl-isem “Mohammed Essid”. Kwindi, tilqa’ t-tieni talba u tordna lill-intimat sabiex jikkoregi l-att tat-twelid tar-rikorrent, iskritt bin-numru progressiv ta' elf, erba' mija u

disgha u tletin tas-sena elfejn u tnejn (1439/2002), billi l-isem tar-rikorrent hemm indikat “Mohammed Essid” jigi sostitwit bl-isem “Stephen”.

Tastjeni milli tiehu konjizzjoni tat-tielet talba ghar-ragunijiet spjegati .

Tordna li d-Direttur tar-Registru Pubbliku jigi nnotifikat b’kopja tas-sentenza ta’ din l-Onorabbli Qorti u dan skont l-**artikolu 256 tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta’ Malta**.

**L-ispejjez jithallsu mir-rikorrent.**

**Moqrija.**

**Onor. Imhallef Lorraine Schembri Orland**
**LL.D., M.Jur.(Eur.Law), Dip.Trib.Eccles.Melit.**
**27 ta’ Gunju 2017**

**Josette Demicoli**
**Deputat Registratur**
**27 ta’ Gunju 2017**